**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 20 ta' Mejju 2025

Każ Nru: 6750/2025

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kasem Fleydzh Mahmud**

(Detentur tal-Passaport Bulgaru bin-numru 860087592)

**Il-Qorti,**

Rat li Fleydzh Mahmud, ta' tlieta u għoxrin (23) sena, iben Mahmud u Hadiya Kerdush, imwieled is-Syria fl-4 ta' Ġunju 2002, jirrisjedi ġewwa 64, Casa Flaviour, Triq l-Aħwa Zammit, Qormi u detentur tal-Passaport Bulgaru bin-numru 860087592 tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa il-lokalità tal-Ħamrun u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Għamel użu temporanju tal-vettura bil-mutur ta' ghamla Honda bi numru ta' registrazzjoni HBQ 234, kemm jekk mexxija b'forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor ikun li jkun, mingħajr ma kellu il-kunsens tas-sid Freh Ibrahim Mahmoud *u* ***dan bi ksur tal-artiklu 61 (1) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.***

2. *U aktar talli fl-stess hin, lok u cirkostanzi saq l-stess vettura bil-mutur tal-ghamla Honda bi numru ta' registrazzjoni HBQ 234 mingħajr liċenza tas-sewqan u* ***dan bi ksur tal-artiklu 15(1) (a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.***

3. *U aktar talli fl-stess hin, lok u cirkostanzi saq l-stess vettura bil-mutur ta' għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni HBQ 234 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni u* ***dan bi ksur tal-artiklu 3 (1) tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta****.*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati kollha jew uħud minnhom, tissospendi il-liċenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidhrilha xieraq din il-qorti, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi l-partijiet qablu li l-akkużat m'għandux jingħata piena karċerarja effettiva, biss l-Uffiċjal Prosekutur insista fuq sentenza karċerarja sospiża abbażi tal-fatt li huwa kien diġa twaqqaf mil-pulizija waqt li kien qiegħed isuq vettura fl-istess ċirkostanzi ta' dan il-każ. Il-Qorti pero qieset li huwa għadu ma nstabx ħati dwar dak il-każ, u wara li

xtarret dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li kkunsidrat li l-akkużat għandu fedina penali netta, il-Qorti tqis li għandha titratta miegħu permezz ta' multa.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 61(1), u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 kif ukoll l-artikolu 104 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat issib lill- Fleydzh Mahmud, detentur tal-Passaport Bulgaru bin-numru 860087592 ħati tal-akkużi kollha u tikkundannah għal multa ta' elfejn u erbgħa mitt ewro (€2,400). Il-Qorti tordna  l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan tal-ħati għal perjodu ta' tnax-il xahar (12) mid-data ta' din is-sentenza.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------